KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-22 ta' Novembru 2018 [1]

Kawża C-695/17

Metirato Oy, fi stralċ
vs
Suomen valtio/Verohallinto
Eesti Vabariik/Maksu- ja Tolliamet

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki, il-Finlandja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assistenza reċiproka fil-qasam tal-irkupru ta' djun relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra — Tilwim dwar miżuri ta' infurzar adottati fl-Istat Membru rikjest — Determinazzjoni tal-konvenut"

I. Introduzzjoni

1. Fl-2012 l-awtoritajiet Estonjani talbu lill-awtoritajiet Finlandiżi, b'mod konformi mar-regoli ta' assistenza reċiproka previsti mid-Direttiva 2010/24/UE [2], biex jirkupraw taxxi dovuti lill-Istat Estonjan mingħand Metirato Oy, kumpannija Finlandiża (iktar 'il quddiem "Metirato"). L-awtoritajiet Finlandiżi aġixxew għal din it-talba u bdew proċedura ta' rkupru forzat kontra Metirato. Matul l-istess proċedura, l-awtoritajiet Finlandiżi talbu wkoll li jirkupraw taxxi dovuti minn Metirato lill-Istat Finlandiż. Metirato ħallset somma flus lill-awtoritajiet Finlandiżi. Dawn tal-aħħar ittrasferixxew il-parti adattata ta' din is-somma lill-awtoritajiet Estonjani.

2. Fl-2013 infetħet fil-Finlandja proċedura ta' insolvenza fir-rigward ta' Metirato. L-istralċjarju f'dawn il-proċeduri wara ressaq azzjoni quddiem il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki, il-Finlandja) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju"), fejn talab ir-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, tal-pagament magħmul preċedentement minn Metirato matul il-proċedura ta' rkupru forzat Finlandiża.

3. Huwa fil-kuntest ta' din l-azzjoni, sa fejn għandha x'taqsam ir-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, tas-somma flus ittrasferita lill-awtoritajiet Estonjani, li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2010/24. B'mod partikolari hija tistaqsi jekk id-Direttiva tiddeterminax liema Stat Membru għandu jkun il-konvenut fl-azzjoni għar-reintegrazzjoni ta' din is-somma: il-Finlandja jew l-Estonja?

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU *2010 L 84, p. 1*).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2010/24

4. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24 jgħid dan li ġej:

"Għall-fini tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva. L-awtorità rikjesta għandha tagħmel użu mis-setgħat u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest li japplikaw għal talbiet li jikkonċernaw l-istess taxxa jew dazju, jew fin-nuqqas ta' dawn, taxxi jew dazji simili, għajr fejn huwa pprovdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

[…]

L-Istat Membru rikjest m'għandux ikun obbligat li jagħti lit-talbiet ta' Stati Membri oħrajn il-preferenzi li jagħti lil talbiet simili li jirriżultaw f'dak l-Istat Membru, għajr fejn huwa maqbul mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati jew previst fil-liġi tal-Istat Membru rikjest. Stat Membru li jagħti l-preferenzi lit-talbiet ta' Stat Membru ieħor ma jistax jirrifjuta li jagħti l-istess preferenzi lill-istess talbiet jew lil dawk simili ta' Stati Membri oħrajn bl-istess kondizzjonijiet.

L-Istat Membru rikjest għandu jirkupra t-talba fil-munita tiegħu stess."

5. Skont l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva "l-awtorità rikjesta għandha tibgħat lill-awtorità applikanti l-ammonti rkuprati fir-rigward tat-talba u l-imgħax imsemmi fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu".

6. L-Artikolu 14 tad-Direttiva jgħid:

"1. Tilwim dwar it-talba, l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest u tilwim dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru applikanti għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-korpi kompetenti tal-Istat Membru applikanti. Jekk, waqt il-proċess tal-proċedura tal-irkupru, it-talba, l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest [jiġu kkontestati] minn parti interessata, l-awtorità rikjesta għandha tgħarraf lil dik il-parti li din tal-aħħar għandha tressaq it-tali azzjoni quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru applikanti f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ hemmhekk.

2. Tilwim dwar il-miżuri ta' infurzar li jittieħdu fl-Istat Membru rikjest jew dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandhom jitressqu quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

[…]"

B. Il-liġi Finlandiża

1. Il-liġi dwar ir-reintegrazzjoni fl-assi tal-falliment

7. Skont l-Artikolu 5(1) tal-laki takaisinsaannista konkurssipesään (758/1991) (il-Liġi dwar ir-Reintegrazzjoni ta' Beni fl-Assi tal-Falliment (758/1991)), att ġuridiku għandu jiġi annullat, *inter alia*, jekk waħdu jew flimkien ma' miżuri oħra, jiffavorixxi b'mod indebitu kreditur wieħed bi ħsara għall-krediturі l-oħra. Ir-rekwiżiti għal tali annullament huma li d-debitur kien insolventi fil-mument li fih sar l-att ġuridiku jew li l-att ġuridiku jkun, parzjalment, ikkawża l-insolvenza tad-debitur.

8. L-Artikolu 10 ta' din il-liġi jipprovdi, *inter alia*, li l-ħlas ta' dejn li jsir wara iktar minn tliet xhur qabel id-data ta' referenza għandu jiġi annullat jekk l-ammont tad-dejn imħallas, meta mqabbel mal-assi tal-falliment, ikun jidher li huwa sostanzjali.

9. Skont l-Artikolu 23 ta' din il-liġi, l-istralċjarju u ċerti krediturі jistgħu jagħmlu talba għar-reintegrazzjoni ta' beni. Ir-reintegrazzjoni ta' beni ssir billi jinbdew proċeduri legali jew billi tiġi kkontestata d-dikjarazzjoni ta' dejn. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jitressqu quddiem il-käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) li tkun fetħet il-proċedura ta' insolvenza.

III. Il-fatti, il-proċedura nazzjonali u domandi preliminari magħmula

10. L-Eesti Maksu- ja Tolliamet (l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana tar-Repubblika tal-Estonja) talbet l-irkupru tat-taxxa u tal-interessi fuq dik it-taxxa mingħand Metirato, jiġifieri s-somma ta' EUR 28 754.50. Fit-18 ta' April 2012, l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana ssottomettiet talba għall-irkupru ta' din is-somma lis-Suomen Verohallinto (l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża) abbażi tad-Direttiva 2010/24.

11. L-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża aġixxiet fuq din it-talba u bagħtet lill-awtoritajiet ta' infurzar Finlandiżi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' rkupru forzat ta' djun informazzjoni ddettaljata rigward is-somma li kellha tiġi rkuprata għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana, kif ukoll indikazzjoni tal-ammont tat-taxxa dovuta minn Metirato lill-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża.

12. Fit-12 ta' Frar 2013, Metirato ħallset volontarjament [3] is-somma ta' EUR 17 500 lill-awtoritajiet ta' infurzar Finlandiżi. EUR 15 837.67 ġew ittrasferiti lill-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża. Skont it-talba tal-Estonja għal irkupru, l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża ttrasferixxiet EUR 15 541.67 lill-Estonja.

13. Fit-23 ta' April 2013, Metirato ħallset somma oħra ta' EUR 17 803 lill-awtoritajiet ta' infurzar Finlandiżi.

14. Fit-8 ta' Mejju 2013, il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki, il-Finlandja) ordnat l-istralċ ta' Metirato, fuq talba tal-kumpannija nnifisha.

15. Fit-8 ta' Mejju 2014, l-istralċjarju beda proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju kontra l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża, fejn talab ir-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, tal-ammonti mħallsa, għal total ta' EUR 33 707.67, inkluża s-somma ta' EUR 15 541.67 ittrasferita lill-Estonja. L-istralċjarju sostna, billi bbaża ruħu fuq l-Artikolu 5 tal-Liġi dwar ir-Reintegrazzjoni ta' Beni fl-Assi tal-Falliment, li l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża kienet ingħatat prijorità b'mod indebitu bi ħsara għal krediturі oħra

3 Nifhem li dan il-pagament kien "volontarju" sa fejn Metirato ħallset meta ntalbet tagħmel dan mill-awtoritajiet ta' infurzar tal-Finlandja, mingħajr ma kien hemm ħtieġa li jiġu adottati *miżuri ta' infurzar* oħra dwar (l-assi ta') il-kumpannija. Madankollu, minħabba li dak il-ħlas kien sar abbażi tat-talba magħmula mill-awtoritajiet ta' infurzar tal-Finlandja, nifhem ukoll li l-imsemmi ħlas sar fil-kuntest tal-*proċedura ta' infurzar* mibdija mill-imsemmija awtoritajiet.

bil-ħlas ta' taxxi li kienu ilhom dovuti, fi żmien meta Metirato kienet diġà insolventi. Abbażi tal-Artikolu 10 ta' din il-liġi, l-istralċjarju sostna wkoll li, matul il-perjodu kritiku mill-25 ta' Jannar sat-8 ta' Mejju 2013, Metirato ħallset ammont fir-rigward ta' djun ta' taxxa li kien sostanzjali meta mqabbel mal-beni tal-assi.

16. It-talba għar-reintegrazzjoni ta' pagamenti kienet diretta primarjament kontra l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża. Madankollu, f'każ li din l-awtorità ma kinitx titqies bħala l-konvenuta t-tajba fir-rigward tal-ammont ta' EUR 15 541.67 ittrasferit lill-Estonja, l-istralċjarju għamel talba wkoll kontra l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana.

17. L-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża kkontestat il-proċeduri mressqa mill-istralċjarju, *inter alia*, għar-raġuni li hija ma kinitx il-konvenuta it-tajba minħabba li l-azzjoni titlob għar-restituzzjoni ta' pagamenti rċevuti mill-Estonja. Hija sostniet li hija aġixxiet biss bħala r-rappreżentant tal-awtoritajiet Estonjani li kienu talbu għal assistenza reċiproka skont id-Direttiva 2010/24, u li dan l-obbligu ntemm malli l-irkupru tal-ħlas tat-taxxa sar. Hija sostniet ukoll li, minħabba li l-beni rkuprati qatt ma kienu saru l-proprjetà tal-Istat Finlandiż, l-azzjoni kellha titressaq kontra l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana.

18. L-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana kkontestat ukoll il-proċeduri mressqa mill-istralċjarju għar-raġuni li hija ma setgħetx tkun konvenuta f'din il-kawża. Hija sostniet li, skont l-Artikoli 13(1) u 14(2) tad-Direttiva, l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża biss setgħet tkun il-konvenuta f'azzjoni bħal din.

19. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li ma huwiex ikkontestat li hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' din l-azzjoni għar-reintegrazzjoni ta' beni. Madankollu, qabel ma teżamina l-mertu tat-tilwima hija għandha tiddeċiedi jekk hijiex l-Awtorità tat-Taxxa Finlandiża jew l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana Estonjana li għandha titqies bħala l-konvenuta fir-rigward tal-ammont irkuprat mill-Finlandja u ttrasferit lill-Estonja abbażi tad-Direttiva 2010/24.

20. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24/UE għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-djun li għandhom jiġi rkuprati skont talba għall-irkupru għandhom jiġu ttrattati mill-Istat Membru rikjest daqslikieku dawn kienu djun ta' dan l-Istat, fis-sens li.

   a) l-Istat Membru rikjest huwa wkoll parti fil-proċedura li tirrigwarda r-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, ta' ammonti mħallsa wara rkupru, jew li

   b) l-intervent tal-Istat Membru rikjest huwa limitat għat-twettiq tal-irkupru infurzat tad-dejn u għad-dikjarazzjoni tad-dejn fil-kuntest tal-proċedura ta' likwidazzjoni, u huwa l-Istat Membru applikant li huwa l-konvenut fil-kuntest ta' proċedura ta' reintegrazzjoni ta' beni fl-assi tal-falliment li tirrigwarda l-estent tal-beni koperti mil-likwidazzjoni?

2. Id-Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li d-djun ta' Stat Membru ieħor għandhom, skont talba għall-irkupru, jiġu rkuprati permezz tal-użu tal-istess mezzi, iżda b'mod li l-ammonti hekk irkuprati jibqgħu sseparati u distinti mill-beni tal-Istat Membru rikjest, jew għandha tiġi interpretata fis-sens li dawn l-ammonti għandhom jiġu rkuprati b'mod parallel mad-djun tal-Istat Membru rikjest, b'mod li dawn jitħalltu mal-beni tal-Istat Membru rikjest? Fi kliem ieħor: id-Direttiva hija intiża biss sabiex tipprojbixxi t-trattament inqas favorevoli ta' djun ta' Stat Membru ieħor?

3. Huwa possibbli li tilwima dwar ir-reintegrazzjoni ta' beni fl-assi tal-falliment titqies li hija tilwima dwar il-miżuri ta' infurzar fis-sens tal-Artikolu 14(2), u jista' wieħed jiddeduċi minn dan li, skont id-Direttiva, l-Istat Membru rikjest huwa wkoll konvenut f'tali tilwima?"

21. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern tal-Estonja u mill-Gvern tal-Finlandja, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

22. Nibda billi nindirizza l-ewwel u t-tielet domanda, li jikkonċernaw direttament: (A) il-kwistjoni dwar min għandu jkun il-konvenut it-tajjeb f'azzjoni, bħal din fil-kawża prinċipali, li hija intiża għar-reintegrazzjoni fl-assi tal-falliment ta' ammonti rkuprati minn Stat Membru fuq talba ta' Stat Membru ieħor abbażi tad-Direttiva 2010/24. Imbagħad ngħaddi għat-tieni domanda, li titlob li (B) jiġi aċċertat jekk l-ammonti rkuprati skont il-mekkaniżmu ta' din id-direttiva jsirux il-proprjetà tal-Istat Membru rikjest u li, għalhekk, tikkonċerna wkoll indirettament il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-konvenut it-tajjeb f'azzjoni bħal din.

A. Fuq l-ewwel u t-tielet domanda: min għandu jkun il-konvenut?

23. Min għandu jkun il-konvenut f'azzjoni intiża għar-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, ta' ammonti rkuprati minn Stat Membru (f'dan il-każ, il-Finlandja) fuq talba ta' Stat Membru ieħor (f'dan il-każ, l-Estonja), li, fiż-żmien li fih inbdiet l-azzjoni, kienu fil-pussess ta' dan tal-aħħar: l-Istat Membru applikant (l-Estonja) jew l-Istat Membru rikjest (il-Finlandja)?

24. Fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju ssemmi bi prominenza żewġ dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/24 li jistgħu jkunu rilevanti. L-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet hija l-Artikolu 13(1), li jgħid li "[g]ħall-fini tal-irkupru fl-Istat Membru rikjest, kwalunkwe talba li għaliha tkun saret rikjesta għall-irkupru għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet talba tal-Istat Membru rikjest [....] L-awtorità rikjesta għandha tagħmel użu mis-setgħat u l-proċeduri pprovduti taħt il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest li japplikaw għal talbiet li jikkonċernaw l-istess taxxa jew dazju, jew fin-nuqqas ta' dawn, taxxi jew dazji simili […]". It-tieni dispożizzjoni hija l-Artikolu 14(2) tad-direttiva, li skontu "[t]ilwim dwar il-miżuri ta' infurzar li jittieħdu fl-Istat Membru rikjest […] għandhom jitressqu quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu".

25. Huwa ċar li d-dispożizzjonijiet imsemmija mill-qorti tar-rinviju (jew, mill-bqija, id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva) ma jipprovdux risposta diretta għad-domanda dwar min għandu jkun il-konvenut f'azzjoni intiża għar-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, ta' ammonti rkuprati minn Stat Membru fuq talba ta' Stat Membru ieħor.

1. Id-Direttiva 2010/24 jew ir-Regolament dwar l-Insolvenza?

26. B'mod preliminari, għandu jiġi mistoqsi jekk id-Direttiva 2010/24 hijiex applikabbli għall-problema inkwistjoni.

27. Il-Gvern Finlandiż iqis li l-azzjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex irregolata mid-Direttiva minħabba li din tal-aħħar ma tistabbilixxix regoli dwar ir-reintegrazzjoni ta' beni fil-assi tal-falliment. Huwa jqis li din l-azzjoni għandha, minflok, tkun irregolata mir-Regolament dwar l-Insolvenza[4]. Skont l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, il-liġi Finlandiża, bħala l-liġi tal-Istat fejn kienet infetħet il-proċedura ta' insolvenza, tiddetermina l-konvenut it-tajjeb fil-kawża prinċipali.

4 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment (ĠU *Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191; iktar 'il quddiem, ir-"Regolament dwar l-Insolvenza"*).

28. Għalkemm jiena naqbel mal-Gvern Finlandiż rigward il-punt ta' prinċipju usa' dwar il-leġiżlazzjoni li tirregola l-proċedura ta' insolvenza b'mod ġenerali, ma nistax nara kif ir-Regolament dwar l-Insolvenza, flimkien ma' regoli nazzjonali applikabbli f'dan il-qasam, għandu jipprovdi risposta għad-domanda speċifika mqajma mill-qorti nazzjonali, u għaliex, barra minn hekk, id-Direttiva 2010/24 ma tibqax applikabbli.

29. L-istralċjarju qiegħed jikkontesta l-validità tal-proċedura ta' rkupru mwettqa mill-awtoritajiet Finlandiżi li, ċertament, parzjalment, kienet intiża għall-eżekuzzjoni tat-talba għal irkupru skont id-Direttiva 2010/24. L-istralċjarju jsostni li l-irkupru forzat ta' taxxi mwettaq mill-awtoritajiet Finlandiżi għandu jitħassar abbażi ta' leġiżlazzjoni Finlandiża, jiġifieri l-Liġi dwar ir-Reintegrazzjoni ta' Beni fl-Assi tal-Falliment.

30. Huwa minnu li l-proċedura ta' rkupru forzat kienet parzjalment "nazzjonali biss" (għal irkupru ta' taxxi dovuti minn Metirato lill-Finlandja) u parzjalment miżura għall-infurzar tat-talba għal irkupru magħmula mill-awtoritajiet Estonjani (għall-irkupru ta' taxxi dovuti lill-Estonja). Madankollu, il-fatt li l-proċedura kienet tirrigwarda wkoll l-irkupru ta' taxxi nazzjonali ma jipprekludix, fil-fehma tiegħi, li jitqies li l-proċedura ta' rkupru forzat inġenerali kienet tikkostitwixxi miżura adottata mill-awtoritajiet Finlandiżi biex tiġi eżegwita t-talba għal irkupru magħmula mill-Estonja.

31. Għalhekk, il-proċedura ta' rkupru forzat tikkwalifika, fl-opinjoni tiegħi, bħala miżura ta' infurzar fis-sens tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2010/24[5].

32. Permezz tal-azzjoni fil-kawża prinċipali, l-istralċjarju qiegħed jikkontesta l-validità, taħt il-liġi Finlandiża, ta' miżura ta' infurzar adottata fil-Finlandja, li huwa l-Istat Membru rikjest. Bħala riżultat, skont l-Artikolu 14(2) ta' din id-direttiva, din l-azzjoni tikkostitwixxi tilwima li għandha titressaq quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru (jiġifieri l-qorti tar-rinviju) skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà nnotat li l-korp kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità rikjesta huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jinterpreta l-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'dak l-Istat Membru u, b'mod partikolari, biex jiddeċiedi dwar il-legalità, il-validità jew il-korrettezza tal-miżura ta' infurzar b'konformità ma' dawk il-liġijiet u r-regolamenti[6].

34. Fil-qosor, il-proċedura ta' rkupru forzat kienet twettqet minħabba u skont id-Direttiva 2010/24. L-azzjoni ppreżentata fuq il-livell nazzjonali hija intiża, fil-preżent, sabiex jiġi kkontestat l-iżvolġiment u l-eżitu tagħha, fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza sussegwenti u, b'hekk, effettivament, sabiex tiġi kkontestata *miżura ta' infurzar* adottata preċedentement fl-Istat Membru rikjest (Artikolu 14(2) tad-Direttiva). Għalhekk, għalkemm id-Direttiva 2010/24 ma tinkludix regola speċifika li tindika min għandu jkun il-konvenut f'azzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, li fiha, wara t-trasferiment tas-somom irkuprati l-persuna ġuridika li tkun ħallsithom tiġi ddikjarata insolventi, id-Direttiva tibqa' b'mod ċar applikabbli għal każ bħal dan.

5 Id-Direttiva ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "miżuri ta' infurzar". Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dan il-kunċett biss darba, fis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, EU:C:2010:11), għalkemm fil-kuntest tal-predeċessur legali tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2010/24, jiġifieri l-Artikolu 12(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta' talbiet li jirriżultaw minn ħidmiet li jiffurmaw parti mis-sistema li tiffinanzja l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija, u ta' imposti agrikoli u dazji doganali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 44), kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/44/KE tal-15 ta' Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 12, p. 27). Fil-punt 47 ta' dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li notifikazzjonijiet (li ma kinux issemmew espliċitament fl-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 76/308) kienu jikkostitwixxu miżuri ta' infurzar.

6 Ara, dwar id-Direttiva 76/308, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, EU:C:2010:11, punti 40, 49 u 50).

2. L-identità tal-konvenut: stħarriġ tal-legalità jew każ ta' reintegrazzjoni?

35. Minkejja li d-Direttiva 2010/24 hija siekta dwar kif jiġi stabbilit il-konvenut f'kuntest fattwali tant speċifiku, jistgħu jiġu kkonċepiti, għall-inqas teoretikament, żewġ metodi. F'termini simplistiċi, huma jistgħu jkunu indikati bħala metodu "abbażi tas-setgħa" kuntrarjament għal metodu "abbażi tal-flus".

36. Skont il-loġika tal-ewwel metodu, dak li jiġi kkontestat huwa l-mod li bih tkun ġiet eżerċitata s-setgħa pubblika fit-territorju ta' Stat Membru. Għalhekk, dak li l-istralċjarju jkun qiegħed jitlob huwa essenzjalment l-istħarriġ tal-legalità ta' miżura nazzjonali (allegatament bi ksur tar-regoli nazzjonali) li tobbliga kumpannija tħallas it-taxxi. Meqjusa f'dan id-dawl, tilwima ta' din in-natura tkun tilwima klassika tad-dritt amministrattiv jew fiskali; minn dan jirriżulta naturalment li l-konvenut ikun l-awtorità li teżerċita din is-setgħa (ta' infurzar) fil-każ partikolari.

37. Il-loġika tat-tieni metodu hija waħda ta' reintegrazzjoni tal-beni fl-assi tal-falliment (li iktar taqa' taħt id-dritt privat). Dak li jintalab ikun l-irkupru tal-flus u, għalhekk, jiġi segwit kull min ikollu fil-pussess tiegħu s-somom inkwistjoni fiż-żmien rilevanti. Il-kwalità ta' konvenut tinqaleb għal fuq kull min ikollu fil-pussess tiegħu s-somom inkwistjoni, fi kwalunkwe żmien partikolari.

38. Minkejja l-fatt li d-Direttiva 2010/24 ma tirreferix għal dan il-punt speċifiku, ftit għandi dubju li, fid-dawl tal-istruttura ġenerali u l-loġika tad-Direttiva, il-metodu korrett huwa dak tal-ewwel. Inqis li tali azzjoni, sa fejn tikkontesta l-validità ta' miżura ta' infurzar adottata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest u mwettqa skont il-leġiżlazzjoni tiegħu stess, għandha titressaq kontra l-awtoritajiet ta' dak l-Istat.

39. Id-Direttiva 2010/24 tistabbilixxi regoli komuni dwar assistenza reċiproka għal talbiet għall-irkupru ta' djun relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra [7]. Kif huwa nnotat fil-premessa 7 tad-Direttiva, tali assistenza reċiproka tista' tikkonsisti fi skambju ta' informazzjoni (Kapitolu II tad-Direttiva, Artikoli 5 sa 7), f'assistenza għan-notifika ta' dokumenti (Kapitolu III tad-direttiva, Artikoli 8 u 9), jew f'miżuri ta' rkupru jew kawtelatorji (Kapitolu IV tad-Direttiva, Artikoli 10 sa 20).

40. Fit-tliet każijiet, id-Direttiva tipprevedi mhux biss it-tqassim ta' setgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru applikant u dawk tal-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba, iżda wkoll, bħala regola ġenerali, l-applikazzjoni tal-*lex auctoritatis*, li skontha l-atti mwettqa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru (u għalhekk, il-validità ta' dawn l-atti) huma rregolati mid-dritt ta' dan l-Istat Membru [8]. Dan japplika għar-regoli dwar skambju ta' informazzjoni [9], dwar assistenza għan-notifika ta' dokumenti [10], u, b'mod partikolari, għal dawk ir-regoli dwar il-miżuri ta' rkupru jew il-miżuri kawtelatorji.

41. Dwar il-miżuri ta' rkupru, infakkar li, skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva, id-djun li jkunu s-suġġett ta' talba għal irkupru għandhom jiġu ttrattati bħala djun tal-Istat Membru rikjest. B'mod iktar speċifiku, l-awtorità rikjesta għandha tagħmel użu mis-setgħat u mill-proċeduri previsti *mil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest* li japplikaw għad-djun marbut mal-istess taxxa jew dazju jew ma' taxxa jew dazju simili.

7 Ara, dwar id-Direttiva 76/308, is-sentenzi tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, EU:C:2010:11, punt 34), u tat-18 ta' Ottubru 2012, X (C-498/10, EU:C:2012:635, punt 44).

8 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Weltimmo (C-230/14, EU:C:2015:426, punt 50), u l-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li qalet li "mir-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sovranità territorjali tal-Istat ikkonċernat, mill-prinċipju ta' legalità, u mill-kunċett tal-istat tad-dritt jirriżulta li s-setgħa ta' impożizzjoni ta' sanzjoni ma tistax, bħala prinċipju, tiġi eżerċitata barra mil-limiti legali li fihom awtorità amministrattiva hija awtorizzata taġixxi, *b'osservanza tad-dritt tal-Istat Membru li taħtu hija taqa*": sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Weltimmo (C-230/14, EU:C:2015:639, punt 56). Enfasi miżjuda minni.

9 Ara, pereżempju, l-Artikolu 5(2)(c) jew l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva.

10 Ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva, kif ukoll l-Artikoli 11 u 12(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2011 tat-18 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati f'relazzjoni ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE (ĠU 2011 L 302, p. 16).

42. Dwar il-miżuri kawtelatorji, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(4) u mill-Artikolu 16(1) tad-Direttiva jirriżulta li huma jistgħu jiġu adottati mill-Istat Membru rikjest biss jekk il-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat tkun tippermetti dan.

43. B'mod iktar ġenerali, l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 jirregola t-tilwim li jinqala' mill-applikazzjoni tad-Direttiva. Skont l-Artikolu 14(1), tilwim dwar id-dejn jew l-istrumenti li jippermettu l-infurzar imfassla mill-Istat Membru applikant, kif ukoll tilwim dwar il-validità ta' notifika magħmula minn awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-korpi kompetenti ta' dak l-Istat. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 14(2), tilwim dwar il-miżuri ta' infurzar jew dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandu jitressaq quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Mis-sentenza Kyrian jirriżulta li t-tqassim ta' setgħat stabbilit bl-Artikolu 14(1) u (2) jirriżulta mill-fatt li kull att ġuridiku jew miżura ġuridika koperti minn dawn id-dispożizzjonijiet huma suġġetti għal leġiżlazzjoni differenti [11], jiġifieri l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu wettqu l-att ikkontestat jew li jkunu adottaw il-miżura kkontestata. Għaldaqstant, il-korp kompetenti ta' kull Stat Membru jeżamina biss il-legalità ta' atti mwettqa u ta' miżuri adottati mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Istat imsemmi l-aħħar [12].

44. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(4) jagħti wkoll eżempju ċar tal-applikazzjoni tar-regola tal-*lex auctoritatis* f'każijiet li jirrigwardaw l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Membri kkonċernati. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4) jgħid li, meta titressaq azzjoni skont l-Artikolu 14(1) fl-Istat Membru applikant, l-awtorità rikjesta għandha, fil-prinċipju, tissospendi l-proċedura ta' infurzar, sa fejn tkun tikkonċerna l-parti kontestata tad-dejn, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-korp kompetenti fil-kwistjoni. Madankollu, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(4), l-awtorità applikanti tkun tista', *f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru applikant*, titlob lill-awtorità rikjesta biex tirkupra dejn ikkontestat, jew il-parti kkontestata ta' dejn, *sa fejn azzjoni bħal din tkun permessa mil-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi rilevanti fis-seħħ fl-Istat Membru rikjest*.

45. Kollox ma' kollox, id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq huma b'mod ċar xhieda tal-loġika ġenerali tad-Direttiva: (i) l-atti mwettqa u l-miżuri adottati minn Stat Membru huma, bħala regola ġenerali, irregolati mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat (*lex auctoritatis*); (ii) kull tilwima dwar dawn l-atti jew miżuri għandha titressaq quddiem il-korp kompetenti ta' dan l-Istat Membru, li għandu jeżaminahom fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

46. Jekk wieħed jikkombina dawn iż-żewġ elementi, l-identità tal-konvenut f'każijiet bħal dawn toħroġ b'mod pjuttost naturali bħala punt (iii): il-konvenut f'tilwima bħal din jista' jkun biss l-awtorità nazzjonali li tkun eżerċitat is-setgħa f'kawża speċifika (billi tkun adottat jew naqset milli tadotta l-att jew il-miżura kkontestati).

47. B'hekk, meta l-kontestazzjoni tirrigwarda, bħal f'dan il-każ, miżura ta' infurzar imwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest, dak li jkun qiegħed jiġi kkontestat ikun il-validità tal-eżerċizzju tas-setgħa pubblika minn dan l-Istat. Il-konvenut għandu allura loġikament ikun l-awtorità pubblika tal-Istat Membru rikjest.

11 Ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Kyrian (C-233/08, EU:C:2010:11, punt 40).

12 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punti 43 u 44). Kif innotajt (f'kuntest leġiżlattiv differenti, iżda bl-istess loġika) fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Astellas Pharma (C-557/16, EU:C:2017:957, punt 97), ma huwiex mingħajr raġuni li r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni għandhom it-tendenza li jkunu bbażati primarjament fuq l-element formali tal-identità tal-awtur ta' att, jiġifieri, min ikun ħareġ l-att li jkun qiegħed jiġi kkontestat.

48. Jista' jingħad ukoll li tali konklużjoni hija konformi wkoll mal-prinċipju ta' *assimilazzjoni sħiħa ta' djun* stabbilit bl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/24. Skont din id-dispożizzjoni, id-djun li jkunu s-suġġett ta' talba għal irkupru għandhom jiġu ttrattati daqslikieku kienu djun tal-Istat Membru rikjest. Jekk id-djun provenjenti minn Stat Membru ieħor jiġu assimilati b'mod sħiħ mad-djun nazzjonali skont il-proċedura ta' rkupru (meta titħallas somma speċifika ta' flus), ikun tabilħaqq jagħmel sens li dawn jiġu assimilati mad-djun nazzjonali wkoll meta jkun hemm każ ta' kontestazzjoni ta' element relatat ma' dan l-irkupru (u meta jkun hemm il-possibbiltà li din is-somma titħallas lura). Assimilazzjoni sħiħa teħtieġ assimilazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet. Għalhekk, kif jiġri f'kontestazzjoni dwar kwalunkwe miżura (ta' infurzar) adottata mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, il-konvenut għandu mid-definizzjoni stess ikun l-awtorità li tkun adottat il-miżura (ta' rkupru) kkontestata.

3. L-alternattivi (im)possibbli

49. Jidhirli li l-metodu li għadni kif iddeskrivejt huwa dak il-korrett anki meta nqis fil-qosor l-alternattivi. Jekk azzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali għandha titressaq kontra l-Istat Membru li jkun talab l-irkupru, b'mod partikolari minħabba li s-somma flus inkwistjoni tkun wara ġiet ittrasferita lil dan l-Istat, isegwi li l-azzjoni għal irkupru għandha titressaq kontra l-Istat li jkollu l-flus fil-pussess tiegħu [13]. F'kuntest bħal dan, iż-żewġ *fora* fejn azzjoni bħal din tista' titressaq iwasslu għal soluzzjonijiet pjuttost dubjużi.

50. L-ewwel possibbiltà tkun li l-azzjoni titressaq kontra l-Istat Membru applikant quddiem il-qrati ta' dan l-Istat. F'dak il-każ, ir-riżultat ikun li l-qrati Estonjani jieħdu konjizzjoni ta' azzjoni kontra l-awtoritajiet Estonjani abbażi ta' att (il-miżura ta' infurzar allegatament irregolari) eżegwit mill-awtoritajiet Finlandiżi fil-Finlandja. Barra minn hekk, ir-regoli għal din l-azzjoni joħorġu mil-Liġi Finlandiża dwar ir-Reintegrazzjoni ta' Beni fl-Assi tal-Falliment, li tkun ġiet invokata mill-istralċjarju biex jikkontesta l-pagamenti magħmula minn Metirato skont il-proċedura ta' rkupru forzat imwettqa mill-awtoritajiet Finlandiżi. Wieħed jista' jsostni li l-linja proċedurali hija bbażata fuq il-liġi Estonjana, pereżempju fuq ir-regoli nazzjonali tagħha dwar delitti jew fuq l-arrikkiment indebitu. Iżda anki hemmhekk dik l-azzjoni kontra l-Estonja jkollha tiġi eżaminata abbażi ta' atti mwettqa mill-awtoritajiet Finlandiżi fil-Finlandja.

51. Huwa pjuttost ċar li dan iwassal mhux biss għal diżassoċjazzjoni tassew notevoli (biex ma ngħidx kaotika) bejn *forum* u *ius*, iżda effettivament ikun ifisser ukoll li l-qrati Estonjani għandhom jistħarrġu l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa pubblika mill-awtoritajiet Finlandiżi fil-Finlandja, soluzzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ċaħdet f'kuntest ieħor [14].

52. It-tieni possibbiltà, jiġifieri li l-azzjoni titressaq kontra l-Istat Membru applikant quddiem il-qrati tal-Istat Membru rikjest, hija wkoll problematika. L-ewwel problema (diġà bilkemm tista' tingħeleb) f'każ bħal dan tqum mill-prinċipju ta' immunità ta' ġurisdizzjoni, li jimplika li Stat ma jistax jitħarrek biex jidher quddiem il-qrati ta' Stat ieħor [15]. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li "fl-Istat attwali tal-prassi internazzjonali, din l-immunità ma għandhiex valur assolut, iżda hija ġeneralment rikonoxxuta meta l-kwistjoni tikkonċerna atti ta' sovranità, imwettqa *iure imperii*. Min-naħa l-oħra, hija tista' tkun eskluża jekk l-azzjoni ġudizzjarja tirrigwarda atti mwettqa *iure gestionis*, li ma jaqgħux taħt l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika" [16]. Madankollu, dak li qiegħed jiġi kkontestat f'din il-kawża hija proċedura ta' rkupru forzat ta' taxxi, li bla dubju tikkonċerna atti ta'

13 Kif ingħata ħjiel dwar dan iktar 'il fuq fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

14 Ara, dwar id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2018, Astellas Pharma (C-557/16, EU:C:2018:181, punt 40).

15 Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Mahamdia (C-154/11, EU:C:2012:491, punt 54).

16 Sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Mahamdia (C-154/11, EU:C:2012:491, punt 55).

sovranità mwettqa *iure imperii* kemm minn perspettiva proċedurali (sa fejn tkun relatata ma' *rkupru* forzat), kif ukoll fuq il-livell sostantiv (sa fejn tkun tikkonċerna rkupru ta' *taxxi*). Għaldaqstant, l-immunità ta' ġurisdizzjoni f'dan il-każ tipprekludi li azzjoni titressaq kontra l-Estonja quddiem il-qrati Finlandiżi.

53. Għalhekk, għar-raġunijiet kollha esposti iktar 'il fuq, nikkonkludi li azzjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali, li hija intiża sabiex tikkontesta l-validità ta' miżura ta' infurzar adottata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest skont il-leġiżlazzjoni tiegħu stess għandha titressaq kontra (l-awtoritajiet ta') dan l-Istat.

4. Post scriptum

54. Fl-aħħar nett, nixtieq niċċara li l-konklużjoni dwar id-determinazzjoni tal-konvenut f'kawża bħal din ma timplikax, jekk l-azzjoni mressqa mill-istralċjarju tirnexxi, li l-Istat Membru rikjest, jiġifieri l-Finlandja, għandu jkun responsabbli għall-konsegwenzi finanzjarji. Tabilħaqq, hija wkoll il-bażi tal-loġika tad-Direttiva 2010/24 li, meta l-kontestazzjoni mid-debitur ta' miżura ta' rkupru tirnexxi, l-Istat Membru applikant għandu jirrimborsa kull somma rkuprata mill-Istat Membru rikjest u diġà ttrasferita lill-Istat Membru applikant [17].

55. B'mod iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà saħqet li d-Direttiva 2010/24 hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, u li l-implementazzjoni tas-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita mid-Direttiva tiddependi fuq l-eżistenza ta' tali fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati [18]. Għandu jingħad ukoll li, f'każ bħal dan inkwistjoni, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri japplika fiż-żewġ direzzjonijiet.

56. Minn naħa, l-Istat Membru rikjest huwa mistenni li jeżegwixxi proċedura ta' rkupru meta jintalab mill-Istat Membru applikant, mingħajr ma jkun jista' jwettaq "kwalunkwe att ta' rikonoxximent, ta' supplement jew ta' sostituzzjoni", kif jindika l-Artikolu 12(1) tad-direttiva. L-Istat Membru rikjest ikun, għalhekk, fil-prinċipju [19] jeħtieġlu jafda lill-Istat Membru applikant u jilqa' kull talba għal irkupru li tkun ġejja mingħand dan tal-aħħar.

57. Min-naħa l-oħra, dan il-mezz iffaċilitat ta' rkupru bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jimplika wkoll li l-Istat Membru applikant għandu jġorr il-konsegwenzi f'dawk il-każijiet fejn tinqala' problema dwar l-infurzar imwettaq mill-Istat Membru rikjest. Għalhekk, jekk il-kontestazzjoni ta' miżura ta' infurzar tirnexxi, l-Istat Membru applikant għandu jirrimborsa s-somma ta' flus irkuprata, mingħajr kontestazzjoni u mingħajr dewmien, anki jekk ma jkunx jista jinżamm responsabbli għall-miżura ta' infurzar ikkontestata [20].

17 F'dan ir-rigward, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva jipprovdi li jekk l-eżitu ta' kontestazzjoni li tkun tressqet quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru applikant skont l-Artikolu 14(1) ikun favorevoli għad-debitur, l-awtorità applikanti għandha tkun responsabbli għar-rimbors ta' kull somma rkuprata. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1189/2011, jekk miżuri ta' rkupru applikati mill-awtorità rikjesta jiġu kkontestati għal raġuni li ma tkunx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru applikant, l-awtorità rikjesta tkun marbuta, jekk tkun ittrasferixxiet is-somom irkuprati lill-awtorità applikanti u jekk ir-riżultat tal-kontestazzjoni ikun sussegwentement favorevoli għall-parti li tkun ressqitha, li trodd lura l-ammonti rkuprati.

18 Sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punt 41).

19 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punt 61) li jkun biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali (bħal dawk fl-imsemmija kawża, li fiha awtorità ta' Stat Membru kienet talbet lil awtorità ta' Stat Membru ieħor tirkupra dejn b'rabta ma' multa li l-persuna konċernata ma kinitx taf dwarha) li awtorità rikjesta tkun tista' leġittimament tirrifjuta talba għal assistenza bbażata fuq id-Direttiva.

20 Kif jidher mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1189/2011 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 iktar 'il fuq).

58. Fi kliem ieħor, il-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri jikkostitwixxu prinċipju għal kull xorta ta' temp. L-imsemmi prinċipju japplika mhux biss f'każijiet ta' temp xemxi (meta kollox jimxi sewwa u, fil-kuntest ta' din id-direttiva, il-flus ikunu deħlin), iżda wkoll f'każ ta' temp ħażin (meta, wara li possibbilment ikun sar żball minn Stat Membru ieħor, il-flus irċevuti preċedentement ikollhom jintraddu lura).

B. Fuq it-tieni domanda

59. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-djun tal-Istat Membru applikant irkuprati mill-Istat Membru rikjest jibqgħux separati u distinti mill-beni ta' dan tal-aħħar jew jekk jingħaqdux mal-beni tiegħu. Fit-tieni sentenza ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tidher li qiegħda tirriformula l-ewwel sentenza u tistaqsi jekk id-Direttiva hijiex intiża esklużivament sabiex tipprojbixxi t-trattament inqas favorevoli ta' djun ta' Stat Membru ieħor.

60. Ikolli nammetti li ma huwiex ovvju minnufih għalija kif eżattament iż-żewġ partijiet tad-domanda huma marbuta waħda mal-oħra. Ma jidhirx kif, fid-dawl tal-prinċipju msemmi ta' assimilazzjoni sħiħa mifrux mad-Direttiva, id-dejn tal-Istat Membru rikjest, flimkien ma' dak tal-Istat Membru applikant, irkuprat ukoll fl-istess proċedura ta' eżekuzzjoni, jista' jew għandu jwassal għal trattament inqas favorevoli tad-djun ta' Stat Membru ieħor. Peress li nista' biss nispekula dwar ir-rabta eżatta bejn l-ewwel sentenza u t-tieni sentenza tat-tieni domanda, ser nindirizza dawn iż-żewġ punti separatament.

61. L-ewwel parti tat-tieni domanda tidher li tirriżulta mill-argument, imqajjem fit-tilwima fil-kawża prinċipali mill-Gvern Finlandiż, li l-beni rkuprati qatt ma saru proprjetà tal-Istat Finlandiż, b'tali mod li l-azzjoni inkwistjoni jkollha titressaq kontra l-Awtorità tat-Taxxi Estonjana.

62. Il-Kummissjoni u l-Gvern tal-Finlandja jirreferu f'dan ir-rigward għall-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/24, li jgħid li l-awtorità rikjesta għandha tibgħat lill-awtorità applikanti l-ammonti rkuprati fir-rigward tad-dejn u, fejn japplika, l-ammont tal-interessi applikati. Fil-fehma tagħhom, din id-dispożizzjoni għandha tinqara bħala li timplika li s-somom irkuprati għandhom jinżammu separati mill-beni tal-Istat Membru rikjest.

63. Fil-fehma tiegħi, madankollu, id-Direttiva ma tittrattax il-kwistjoni dwar jekk is-somma ta' flus irkuprata mill-Istat Membru rikjest tibqax separata mill-beni tiegħu jew jekk hija tingħaqadx magħhom.

64. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-Artikolu 13(5) tad-Direttiva, ma narax kif din id-dispożizzjoni, li sempliċement tistabbilixxi l-aħħar fażi tal-proċedura ta' eżekuzzjoni tat-talba għall-irkupru skont l-Artikolu 13, tista' tiġi interpretata fis-sens li titlob li l-ammonti jinżammu separati mill-beni tal-Istat Membru rikjest jew li hija tippermetti li dawn l-ammonti jingħaqdu mal-imsemmija beni. Din id-dispożizzjoni sempliċiment tirrigwarda kwistjoni differenti.

65. Huwa minnu li, skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 13(1), l-Istat Membru rikjest għandu jirkupra d-dejn fil-munita tiegħu stess [21]. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 1189/2011, l-ammonti mibgħuta lill-awtorità applikanti għandhom jiġu ttrasferiti fil-munita tal-Istat Membru rikjest u fi żmien xahrejn mid-data li fiha jkun sar l-irkupru.

21 F'dan ir-rigward ninnota li l-Artikolu 18(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1189/2011 jipprevedi li "Jekk il-valuta tal-Istat Membru li rċieva t-talba hija differenti mill-valuta tal-Istat Membru applikanti, l-awtorità applikanti għandha tfisser [fl-istrument uniformi li jkun jippermetti l-infurzar li għandu jkun hemm ma' kull talba għal irkupru] l-ammont tat-talba li għandha tkun irkuprata fiż-żewġ valuti". Għalhekk, l-ammont li għalih tinbeda l-proċedura ta' rkupru fl-Istat Membru rikjest jiġi kkalkolat fil-munita ta' dak l-Istat, fl-istadju tat-talba magħmula mill-Istat Membru applikant.

66. Madankollu, lil hinn minn dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-trasferiment tas-somom irċevuti, id-Direttiva ma tiddeterminax l-istatus ġuridiku, ekonomiku jew ta' kontabbiltà ta' dawn is-somom matul il-perjodu bejn l-irkupru tagħhom mingħand id-debitur u t-trasferiment tagħhom lill-Istat Membru applikant. Is-sempliċi fatt li s-somom jiġu rkuprati fil-munita tal-Istat Membru rikjest u jiġu ttrasferiti f'din il-munita ma jimplikax neċessarjament li dawn is-somom jingħaqdu (jew ma jingħaqdux) mal-beni tal-Istat Membru rikjest. Din hija biss kwistjoni għal kull Stat Membru li jiddetermina, sakemm dan tal-aħħar jikkonforma ruħu mal-obbligu tiegħu li jittrasferixxi, fi żmien xahrejn, l-ammonti rkuprati u l-interessi applikabbli.

67. F'kull każ, ninnota li anki kieku dawk is-somom jinżammu separati mill-beni tal-Istat Membru rikjest, fil-fehma tiegħi dan ma jkollux influwenza fuq ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda dwar min għandu jkun il-konvenut f'azzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali. Tabilħaqq, sa fejn l-ewwel parti tat-tieni domanda għandha tinftiehem bħala varjant għall-kwistjoni tal-identità tal-konvenut[22], għar-raġunijiet msemmija iktar 'il fuq fit-taqsima A, inqis li irrispettivament minn kull standard ta' kontabbiltà adottat, il-konvenut f'tali azzjoni għandu jkun l-Istat Membru rikjest.

68. Rigward it-tieni parti tat-tieni domanda, li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva hijiex intiża esklużivament sabiex tipprojbixxi t-trattament inqas favorevoli ta' djun ta' Stat Membru ieħor, infakkar li l-prinċipju ta' assimilazzjoni sħiħa stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva jipprevedi li d-djun ta' Stati Membri oħra għandhom jiġu ttrattati daqslikieku kienu djun nazzjonali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda s-setgħat u l-proċeduri previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru rikjest applikabbli għad-djun identiċi jew simili.

69. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) jipprovdi għal eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, li biha l-Istat Membru rikjest ma jkunx obbligat jagħti lid-djun ta' Stati Membri oħra l-preferenzi mogħtija għad-djun simili mnissla f'dan l-Istat Membru, għajr fejn kien hemm qbil mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati jew fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru rikjest tipprevedi mod ieħor. Din tidher li hija l-unika eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) u, għalhekk, għar-regola li skontha l-Istat Membru rikjest ma għandux jittratta d-djun ta' Stati Membri oħra b'mod inqas favorevoli milli jittratta djun nazzjonali simili jew identiċi.

70. Madankollu, il-prinċipju ta' assimilazzjoni sħiħa ma għandux impatt, fil-fehma tiegħi, fuq il-kwistjoni dwar jekk is-somma ta' flus irkuprata mill-Istat Membru rikjest tibqax separata mill-beni tiegħu stess jew tingħaqadx magħhom. Għalhekk, jekk tinftiehem b'dan il-mod, it-tieni parti tat-tieni domanda ma tbiddilx il-konklużjoni li jiena wasalt għaliha rigward l-ewwel parti ta' din id-domanda u bl-ebda mod ma tibdel ir-risposta li nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għall-ewwel u t-tielet domanda.

V. Konklużjoni

71. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Helsinki, il-Finlandja) kif ġej:

Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24 tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra għandha tiġi interpretata fis-sens li azzjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali, li hija intiża għall-kontestazzjoni tal-validità ta' miżura ta' infurzar adottata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għalihom għandha titressaq kontra (l-awtoritajiet ta') dan l-Istat.

22 Bħala estensjoni (jew tisħiħ) tal-metodu ta' "abbażi ta' flus" (ara l-punt 37, iktar 'il fuq), li essenzjalment jimplika mhux biss li l-awtoritajiet Finlandiżi bħalissa ma humiex fil-pussess tas-somma inkwistjoni, iżda li, fi kwalunkwe każ, qatt ma kellhom effettivament din is-somma.